MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Id-Disa' Leġislatura

Seduta Numru 09.32, il-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 32 tad-Disa' Leġislatura, nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2026, fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ixxandret '*live*' permezz tas-sistema tal-'*online streaming*' kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'*Video On Demand*' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill http://mgarrlc.com/live-stream/

PREŻENTI	Paul Vella	Sindku
	Odette Muscat	Kunsilliera
	Charles Said	Kunsillier
	Owen Galea	Kunsillier
	Cyprian Dalli	Segretarju Eżekuttiv
PREŻENTI B' MOD VIRTWALI	Ħadd	
ASSENTI B' APOLOĠIJA	Wistin Vella	Viċi Sindku
ASSENTI	Ħadd	
MEMBRI TAL-PUBBLIKU	Ħadd	

----- MINUTI -----

Preamboli u Aġenda

i. Il-laqgħa bdiet fis-6:03pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

32.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

32.04 Korrispondenza

32.05 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

32.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti

32.07 Pjan ta' immaniġġjar tat-traffiku & traffiku fit-toroq rurali

32.08 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

32.09 Preparazzjoni għall-Festa ta' Santa Marija 2026

32.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

32.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

32.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm talba ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Wistin Vella, li ma kienx jista jattendi għal-laqgħa.

32.01.02 Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din it-talba u għalhekk ser jitniżżel bħala assenti b' apoloġija.

32.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.02.01 Il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew mibgħuta minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

32.02.02 Għaldaqstant, il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew approvati unanimament mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

32.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

32.03.01 Is-Sindku informa dwar proposta li ssir ATM tal-BoV qrib Ġnien Skorba. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u finalment qabel b' mod unanimu li jaqbel u jara x' hemm bżonn isir.

32.03.02 Is-Sindku informa li ir-Reġjun Tramuntana kien ser jerġa joħroġ fondi għall-attivitajiet kulturali matul is-sena 2026. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minn dawn il-fondi, jitqassmu 3000euro kull wieħed għall-attivita' tas-Santi, għall-banda u għas-Soċjeta Spettaklu. Il-kumplament, ser immorru għall-ispejjez li jkun agħmel il-Kunsill għall-Festa Frawli u l-Festa.

32.03.03 Is-Sindku semma l-iżvilluppi dwar ix-xogħol fil-parti l-ġdida ta' Triq San Filippu. Semma li kien hemm xi problema dwar parti mill-bankina imma kienet instabgħet soluzzjoni.

32.04 Korrispondenza

30.04.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenza oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu mwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

32.04.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kommunikazzjoni dwar proposta li ssir zip-line bejn ir-Riviera u l-Qarraba, fuq il-baħar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta basta :

i. Ma tkunx permanenti;
ii. Il-Kunsill irid jiġi avżat kull darba;
iii. U l-permess mgħoti jista jiġi revokat fi' kwalunkwe ħin.

32.04.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kommunikazzjoni tal-iskultur Neal Camilleri dwar il-monument proposta għal Triq Banjijiet Rumani. Hu informa lil Kunsill li dan ma setgħax isir qabel l-2028 peress li kien ibbukkjat sa' dak iż-żmien. Il-Kunsill qabel li jkompli bil-proċess neċessarju.

32.05 Temi Oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

32.05.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjonijiet dwar l-akkwist ta' Cloud Based Accounting System. Semma wkoll il-konsultazzjoni li saret mal-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kemm mill-punt finanzjarji kif ukoll ta' tħaddim, kien qed jipproponi is-sistema SUMMA ta' Progressive Information Systems Ltd. Il-Kunsill approva b' mod unanimu u ser isiru l-arranġamenti sabiex tiġi akkwista din is-sistema.

32.05.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien bdew jintużaw uniformijiet ġodda għall-istaff tal-Kunsill.

32.05.03 Il-Kunsill ġie mgħarref li kien tlestew u bdew joperaw is-CCTVs ta' Ġnien Skorba. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li jitqabbdu mas-sistema tal-LESA minħabba infurzar.

32.05.04 Ġew diskussi l-offerti li l-Kunsill irċieva wara l-ħruġ tat-tenders. Kien hemm dawn it-tenders :

- *MGR 01/2026 : SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF BL-UŻU TA' VETTURI B'EMISSJONIJIET BAXXI GĦALL-KUNSILL LOKALI TA' L-IMĠARR :* offerta waħda

- *MGR 02/2026 : ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' PASSAĠĠI, TOROQ PEDENALI U XOGĦLIJIET ĊIVILI U ANĊILLARJI OĦRA GĦALL-KUNSILL LOKALI TA' L-IMĠARR :* ma kienx hemm offerti

- *MGR 03/2026 : XOGĦOL TA' KOSTRUZZJONI F' SIT RURAL GĦAL PARK TA' MISTRIEĦ F' TA' DARRENZI, L-IMĠARR :* offerta waħda

- *MGR 04/2026 : SERVIZZ TA' MANUTENZJONI, TINDIF, TNAQQIJA U TISQIJA TA' POSTIJIET PUBBLIĊI U SOFT-AREAS U QTUGĦ TA' ĦAXIX FIT-TOROQ RURALI FL-IMĠARR, B'METODI FAVUR L-AMBJENT :* Kien hemm ħames offerti.

32.05.04 Ġie diskuss il-fatt li kien hemm bżonn manutenzjoni fuq il-bus stop ta' Triq Sir Harry Luke.

32.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

32.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti Numru 8/2026, li kienet tammonta għall-€33,264.89 fi' ħlasijiet relatati max-xogħlijiet u s-servizzi tal-Kunsill, kif ukoll €2,074.31 fi' flus miġbura għall-entitajiet, għal total ta' €35,539.20.

32.06.02 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku u żewġ membri oħra tal-Kunsill.

32.07 Pjan ta' immaniġġjar tat-traffiku & traffiku fit-toroq rurali

32.07.01 Dwar dan il-punt, is-sindku ta' rendikont tal-laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma' Infrastructure Malta kif ukoll rapreżentanti tal-Ministeru nhar id-29 ta' Lulju. Dawn huma l-punti prinċipali ta' din il-laqgħa:

i. Dwar Triq Dun Ġużepp Vella, IM ser jagħmlu redesign tal-bankina biex tissolva l-problema eżistenti;

ii. Dwar Triq tal-Palma, il-Perit tal-Kunsill informa lill-IM dwar ħajtr li kien qed jaqa'. IM għandhom jieħdu ħsiebu. Saret diskussjoni wkoll dwar il-proposta li din it-triq tiġi one-way. Il-Kunsill għandu jiddiskutiha u jara x' ser jiddeċiedi;

iii. Dwar it-toroq li hemm bżonn jinfetħu : Triq id-Dagħbien tinsab skedata. Is-sindku għandu jkellem lis-sidien biex jinbdeda l-proċess. L-istess għandu jsir għall-Triq Ġorġ Zammit;

iv. Triq il-Konkorsi Teatrali : għandhom jittieħdu l-passi mill-perit tal-Kunsill biex issir applikazzjoni ta' PC biexc jinbeda l-proċess;

v. Triq Ċensu Vella għandha issir fil-ġimgħat li ġejjin;

vi. Triq il-Qarawas : għandha tiġi kkunsidrata u is-Sindku għandu jkellem lis-sidien biex il-proċess jibda.

32.08 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

32.08.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq in-nomina tas-Sa. Natasha Cassar biex taġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

32.08.02 Il-Kunsill approva unanimament din il-ħatra b' mod immedjat.

32.09 Preparazzjonijiet għall-Festa ta' Santa Marija

32.09.01 Il-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa f' kull attivita' fejn ser ikun mistieden matul il-jiem tal-festa.

32.09.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jieħu ħsieb li kul filgħodu itella tfakkar dwar l-għeluq ta' toroq u tneżżija ta' karozzi skont l-ordni tal-ġurnata.

32.09.03 Hekk kif mifthiem, il-permessi kollha li ser jinħarġu dwar imwejjed u siġġijiet ser jintbgħatu lill-Pulizija tal-għassa tal-mosta minħabba infurzar.

32.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

32.10.01 Qabel tmiem il-laqgħa, ġie maqbul li l-laqgħa ta' wara ssir it-Tnejn 14 ta' Settembru u ta' wara ssir it-Tnejn 26 ta' Ottubru, dejjem fil-5:30pm.

30.11.02 Is-Sindku iddikjara il-laqgħa magħluqa fis-7:20pm.

Paul Vella **Cyprian Dalli**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, _____ , _____ tax-xahar ta' _____,tas-sena _____ .